# 44. Zurich

Meta ġġerrejt bid-dgħajsa mal-għadira
tiegħek, ja Zurich, qalb id-djar li jbajdu
u jħammru qalb il-ħdura kemm kemm skura
tas-siġar għolja,

U l-aħdar ċart al-mogħxa u tal-imsieraħ,
- id-djar jiżżerżqu mal-għoljiet, imsennka
bil-faxex twal tas-sardinell ħamrani
sular, sular,

- siġar tal-pin u żafżaf ġewwa l-ilma,
qishom ċarċara ħadra fuq l-għadira, -
u ġrejt fit-tul mal-wiżż u maż-żarżelli,
mal-papri u l-borok,

Mal-blonġos bugħaddas u mal-perniċi,
qalb id-dgħajjes bajdana bil-qlugħ aħmar
fil-wisa t'ilmijiet jiddu bix-xbieha
tar-rħula ħdejhom,

U rajt mijiet ta' tfal bix-xlief u l-qasba,
u rajt fil-bgħid l-irjus għoljin tal-Alpi
jidhru u jinħbew ġos-sħab bħal qabda atturi
wara s-siparju;

U meta mort, ja Zurich, fiż-żoo tiegħek,
u rajt l-agħsafar ta' kull lewn u razza
bi lwien ta' mingħajr ħjiel, bi ġmiel tal-għaġeb,
jaqbżu fil-gaġeġ,

U rajt l-acquarium bil-ħut żgħir imdawwal
jiġġerra qalb iċ-ċagħaq u x-xtieli,
- niftakar rajt il-ħut tal-Amażona
liebes id-deheb,

B'faxx ikħal u faxx aħmar jiddi u jilma,
u waqt li tiela;' wara ż-żgieġ stħajjiltu
ġliba ta' fjuri żgħart al-baby-rose
fir-riħ jixxejru,

Tgħaxxaqt, ja Zurich; moħħi għereq baħar
ta' ġmiel u ta' ħlewwiet, sew sew kif tegħreq
f'baħar ta' dawl u ġmiel, ta' sliem u hena,
ix-xemx fl-għaxija.

U waqt illi tgħaxxaqt ftakart fl-istejjer
tas-sħaħar u l-fatati, bis-sbuħija
tal-ġonna u tal-palazzi, kif nisġuhom
id-dehen tal-poplu

U d-dehen t'awturi kbar bħal Grimm u Anderson,
Perrault u oħrajn; u meta ġejt biex nagħżel
bejn dak il-ġmiel maħlum u l-ġmiel imġissem
li rajt quddiemi,

Għażilt sbuħitek, Zurich ħdejn l-għadira!
Tassew, tassew, wisq isbaħ in-Natura
mill-ġmiel li setgħet qatt tobsor u toħlom
il-fantasija!